Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 301/2019

Il-Pulizija
(Spettur Godwin Scerri)
(Spettur Josef Gauci)

Vs

Roderick Zahra
Omissis

Illum 11 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Roderick Zahra detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 262484M li flimkien ma' Omissis gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-25 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 3:00 ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza Nru. 9, Edelweiss, sitwata fi Triq Toni Pace, Mellieħa, ikkommettew serq għad-dannu ta' Christian Cortis u persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263 (a), 269 (g), 267, 279 (b) u 42 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Nhar l-10 ta' Lulju 2018, fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar minn ġewwa residenza "Sunrise" fi Vjal il-Qalbiena, Mosta, ikkommettew serq għad-danni ta' Noel Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263 (a), 269 (g), 267 u 42 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Roderick Zahra waħdu akkuzat talli fil-perjodi u ċirkostanzi msemmija qabel ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u ordni ta' superviżjoni hekk kif mogħtija nhar il-21 ta' Maru 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil Roderick Zahra u lil Omissis bħala reċidivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-31 ta' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-akkuża dedotta fil-konfront tal-imputat Roderick Zahra illi fil-perjodi u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel żewġ akkużi dedotti fil-konfront tiegħu kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u ordni ta' superviżjoni mogħtija fil-21 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), filwaqt ukoll li lliberat lil Omissis mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u filwaqt li ma sabitx lill-imputat Roderick Zahra ħati tal-aggravju tal-lok fl-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu, ma sabitux ħati tal-aggravju tal-mezz u tal-aggravju tal-lok fit-tieni akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u ma sabitux ħati li rrenda ruħu reċidiv a tenur tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk illiberatu minn tali aggravji u akkuża tar-reċidiva a tenur tal-imsemmi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 31, 49, 261 (b) (ċ), 263 (a), 264 (1), 267, 278 (1) (2), 279 (a) (b), 280 (2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu bl-aggravji tal-mezz u tal-valur, sabitu ħati tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront tiegħu bl-aggravju tal-valur u sabitu ħati li rrenda

ruħu reċidiv a tenur tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ta' dan ikkundannatu għal perjodu ta' tliet (3) snin priġunerija effettiva.

In fine, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat Roderick Zahra jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €442.78 rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra f'dawn il-proċeduri tal-espert tekniku Donald Tabone.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Zahra, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok izzomm ferma u tikkonferma il-punti li l-imsemmija Qorti ta' Prim Istanza astjeniet milli tiehu konjizzjoni, kif ukoll fejn ma sabitux hati tar-reatikollha u fit-tieni lok billi thassar, tirriforma u tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward tal-akkuzi li instab hati taghhom u dan ai termini tal-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Zahra huma s-segwenti u cioè:-

a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li huwa kellu jigi liberat minn kull akkuza kontra tieghu.

Dan qieghed jigi mressaq l-ewwel ghax ir-reat tas-serq ma giex ppruvat. L-esponenti umilment jissottometti li ghalkemm fis-sistema guridika taghna, ir-reat tas-serq gie interpretat f'numru ta' sentenzi minn dak li l-awtur Carrara kien stabbilixxa u cioè li huwa bizzejjed li wiehed icaqlaq l-oggett. Hemm ukoll insenjament tal-Manzini li fih ir-reat jigi pperfezzjonat u kompjut meta l-oggett johrog mill-isfera tal-pussess ta' persuna u jidhol f'dak ta' haddiehor.

Din il-linja dottrinali hija llum iktar accettata tenut iktar kont tal-fatt li s-serq jigi kkunsmat meta l-oggett mhux biss jigi mcaqlaq imma mehud effettivament. Fil-kazijiet inkwistjoni dan ma jirrizultax li sehh.Anqas ma ghandu jigi accettat li fin-nuqqas ta' prova diretta tal-prosekuzzjoni hija bizzejjed ir-regola tal-inferenza. Din

ma tistax isir u  umilment ssottometta li s-sistema guridika taghna zammet dejjem li jrid ikun hemm prova u fejn hemm dubju dan ghandu jimmilita favur il-persuna akkuzata.

Proprju anqas f'dan ma ghandha tkompli tigi accettata u abbraccjata t-teorija maghrufa bhala *'recent possession'*. Din qieghed umilment jigi sottomess hija mill-iktar perikoluza u tahrab il-grad tal-prova li l-prosekuzzjoni ghandha bzonn iggib. L-imputat mhuwiex tenut li jixhed u anqas ma ghandu jkun hemm xi inverzjoni fil-prova li ghandha tingieb. L-hekk indikat bhala pussess jista' jkun semplici detenzjoni, cirkostanza ekwivoka u fuq dan il-bnedmin m'ghandhomx jigu pperikolati fil-hajja taghhom li jinsabu hatja meta ma hemmx il-prova rikjesta mil-ligi.

Dan iktar u iktar meta fil-kaz odjern l-espert tekniku ma jidentifikax fl-ebda mument li kien l-esponenti li dahal fil-fondi inkwistjoni.

Dak li waslet ghalih il-prosekuzzjoni kien il-prezenza tal-esponenti kif gie elenkat fil-pagna 13 tas-sentenza. Biss dan wahdu ma huwiex bizzejjed. Setghu kienu atti normali, setghu kienu atti preparatorji imma ma kienux fl-ezekuzzjoni tar-reat indikat. Ghalhekk l-esponenti umilment jirrileva li l-konvinzjoni tal-htija o meno trid tigi stabbilita fuq il-fatti. F'dan ghalhekk huwa ma jistax jaqbel mal-imsemmija li tiddikjara li *"Ghalkemm din il-prova dwar l-involviment u b'hekk dwar il-htija tal-imputat Roderick Zahra ghar-reat appena msemmi tista' titqies bhala prova indizzjarja, il-Qorti hija moralment konvinta li hija prova univoka li tfisser biss u xejn aktar li l-imputat Roderick Zahra huwa hekk hati tar-reat inkwistjoni."*

Dan jghodd ukoll ghar-rigward it-tieni imputazzjoni. Hawn ukoll l-esponenti umilment jissottometti li prova diretta u indiretta ai termini tal-ligi ma rrizultawx. L-esponenti ma jaqbilx mal-Qorti Onorabbli meta fit-18-il pagna jinghad *"Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat Roderick Zahra huwa effettivament il-persuna li wettaq ir-reat ta' serq aggravat bil-valur a dannu ta' Noel Farrugia u ghandu per konsegwenza jinsab hati ta' tali reat."*

L-esponenti umilment jissottometti li huwa ma kellux jinsab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

b. Illi fit-tieni lok l-esponenti minghajr pregudizzju ghas-suespost ghar-rigward il-piena huwa jissottometti li tenut kont tal-fatt li huwa qieghed ghaddej bi programm ta' riabilitazzjoni din kellha tkun temperata. Konsegwentement il-piena nflitta hija wahda iktar qawwija milli kellu jinghad.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u appuntu d-difiza ghar-rikors tal-appell taghha u l-prosekuzzjoni ghall-atti processwali u dan fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti rat li l-appellant qed jsitqarr li a bazi tal–provi akkweziti fl-atti l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati u di piu tghid li kien a bazi ta' ragunijiet morali li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati u mhux a bazi ta' ragunijiet legali. Ili ghalhekk din il-Qorti ta' revisjonikellha terga tesamina l-proceess mill-gdid u taghmel hi stess apprezzament tax-xhieda prodotta u dan stante li ma kienitx hi li ghexet il-process u lanqas ma kienet hi li setghet taghamel il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhieda stante li quddiemha ghanda biss ix-xhieda traskritta. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tesamina l-atti tal-process u dan sabiex tara jekk l-aggravji tal-appellant humiex gustifikati f'liema kaz jekk l-aggravji tieghu jigu milqugha , din il-Qorti ikollha tilliberah minn l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**Ikkunsidrat.**

Illi nhar it-13 ta Awwissu 2018 xehed l-**Ispttur Godwin Scerri**, l-ufficcjal prosekutur u dan spjega illi  li nhar il-25 ta' Lulju, 2018 ghall-habta tas-7.30p.m Christian Cortis kien mar l-ghassa tal-Mellieha u rraporta li persuna jew persuni kienu dahlu fir-residenza tieghu li kienet ghadha vakanti u li tinsab fi Triq Toni Pace,, Mellieha u minn hemm insterqulu numru ta' *bathroom fittings, power tools* u parti mir-railing tal-*aluminium* li gja kien installat fid-dar.

Il-pulizija marret fuq il-post u minn investigazzjonijiet preliminari mizmuma minnha irrizultalha li x'aktarx li min dahal fil-fond, ottjena id-dhul billi fetah il-bieb tal-garaxx li jaghmel mad-dar u jdahal b'mod illegali. Spjega ukoll li dakinhar ghall-habta tat-3.15 kien hemm persuna li qaltlu li kienet rat zewg persuni jghamlu uzu minn karozza griza li kienet ipparkjata hdejn l-imsemmija residenza b'ragel li kien diehel u hiereg mir-residenza bl-affarijiet f'idejh u jghabbilhom fil-vettura u rat persuna feminili ma genb il-karozza.

Il-pulizija ghamlu tfittxija ghal xi cameras fl ekwati u fl-inhawi tar-residenza kien hemm CCTV cameras u dawn gew elevate. Minn esami ta' dawn il-filmati jirrizulta li l-persuni li kienu qed jghamlu uzu mill-karozza griza kienu Ruth Spiteri li tidher ghaddejja fit-triq bir-*railing* f'idejha rapportata nieqsa mid-dar u in segwitu kienet imdendla fuq il-parti ta' wara tal-karozza. Fil-filmat in-numru tal-vettura gie identifikat bhala BCE 637 u meta raw lil min tghajjat inzerta li kienet registrata f'isem l-appellant li hu l-partner ta' Ruth Spiteri li giet identifikata fil-filmat.

Huwa ipprova jghamel kuntatt mal-appellant u ma Ruth Spiteri pero ma irnexxilux u ghalhekk fit-20 ta' Lulju, 2018 ottjena Mandat ta' Arrest u tfittxija fil-konfront tal-appellant u ta' Ruth Spiteri. Jispjega li fit-3 ta' Awwissu, 2018 Zahra u Spiteri intlemhu fl-area tal-Marsa minn Membri tal- RIU u kienu qed jghamlu uzu minn din l-istess vettura Daihatasu Boom . Il-vettura giet ittowjata u tinsab fil-*compound* ta' St Andrews.

Dwar il-kaz l-iehor jghid li fl-4 ta' Lulju 2018 l-ufficini taghhom gewwa l-ghasssa tal-pulizija tal-Mosta, ircevew rapport fejn xi *power tools* gew misruqa minn dar gewwa Triq Vjal il Qalbiena, Mosta. L-istess il-pulizija inghatat xi filmati minghand il-vitma Noel Farrugia, u meta ezaminathom innotat li kien hemm l-uzu ta' l-istess vettura Daihatsu Boom bin-number plate tidher ukoll. Fil-fimatai jdher is-sur Zahra diehel gewwa ir-residenza imsemmija u johrog b'zewg kaxxi tal-plastik kbar fejn fihom kienu jinzammu l-*power tools* li gew rapportati nieqsa. Il-valur taghhom jammonta ghal madwar elf u tlett mitt euro (€1300) kif indikat ir-rapport. Huma

ipprovaw jirkupraw r-*res furtiva* pero ma irnexilhomx ghaliex kienu gja gew mibjugha.

Huwa esebixxa ic- CCTV footage taz-zewg kazijiet li gew markati bhala dok GS 1 u GS 2, zewg PIRS reports li gew markati bhala dok GS 3 u GS 4 rispettivament, l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant markata bhala GS 6 kif ukoll dokument mahrug mis-sistema taghhm dwar il-vettura Daihatsu Boom ta' kulur griz numru ta' registrazzjoni BCE 637 li gie markat bhala dok GS 9.

Illi nhar l-4 ta' Ottubru 2018 rega xehed u pprezenta sentenza moghtija mill-Qorti tal Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali datata 21 ta' Marzu 2018 fl-ismijeit **il-Pulizija v Roderick Zahra** u sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet premessi u dawn gew markati bhala dok GV1 u GV2 ( fol. 163 et seq.)

**PS 343 Glenn Carabot** xehed nhar it-13 ta' Awwissu, 2018 u meta gie muri l-okkorenza markata bhala dok GS 3 dwar is-serqa li saret fir-residenza Triq Toni Pace, Mellieha ighid li kien cempillu PC 1303 Mario Camilleri stante li kien surgent il Qawra u kien infurmah b'dan ir-rapport u qallu ukollli kienu ittihdu xi filmati permezz tas- CCTV u kien infurma lill-ispettur dwar dan ir-rapport. Dan hu l-uniku involviment li kellu fuq dan il-kaz.

Rat il-verbal tat-22 ta Awwissu 2018( fol. 51) minn fejn jirrizulta li il-parte civile Chritian Cortis kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-akkuza ta' hsara volontarja u iddikjara li l-hsara minnu sofferta fix-xambrelli tal-bibien kienet wahda *de minimis*. Id-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda ghall-konferma tar-ricevuti esebiti minn Christian Cortis u mmarkati bhala dok CC1 sa CC9. Dakinhar stess Dr Azzopardi ghal parte civile talab in-nomina ta' espert sabiex jorog l-istills mir-recorings tac CCTVs esebiti bhala dok GS 1 u dok GS 2 a fol-24 u 25 ta' l-atti u l-Qorti b'digriet taghha laqghet it-talba u innominat lil David Tabone ghal dan il-ghan.

**WPS 148 Demise Camilleri** xehdet nhar it-22 ta' Awwissu, 2018 u kkonfermat li Noel Farrugia kien ghamel rapport f-14 ta' Lulju, 2018 fejn stqarr li kien gie misruq minn go garaxx fejn kien qed jaghmel xi xoghlijiet liema garaxx jghamel parti mid-

dar tieghu. Qal li kienu insterqulu bictejn ghodda konsistenti f'Jigger u staple gun li l-valur taghhom jammonta ghal madwar elf u mitejn euro ( €1,200).Is-sur Farrugia qallha li l-ahhar li ra l-ghodda kien fit-23 ta' Gunju, 2018 jigifieri il-jum ta' meta insterqu l-ghodda ma kellux. Mostoqsi jekk hemmx xi CCTV camera fil-vicin qal lil-gar tieghu kellu CCTV camera imwahla u fil-fatt wara li tkellem mal-gar tieghu dan tah ir-recordings tat-tlett gimghat shah. Is-sur Farrugia ra l-filmat u nhar l-4 ta Awwissu, 2018 mar l-Ghassa u qalilhom li kien identifika persuna li kienet dahlet gewwa l-garaxx u rah hiereg b'bictejn ghodda minn gol-garaxx.

In kontro esami tghid li c- CCTV recordings inghata lilha mis-sur Farrugia u hija ghaddietha lill-ispettur Ikkonfermat ukoll li s-sur Farrugia kien qallha li kien ra vettura bin-nurmu ta' registrazzjoi BCE 637 u meta l-pulizija iccekjat lil min tghajjat din il-vettura irrizulta li kienet tghajjat lil Roderick. Qalet li din is-serqa saret minn gewwa l-fond 'Sunrise' Triq Vjalil Qalbiena Mostin, Mosta. Ikkonfermat ukoll li s-sur Farrugia ghaddielha stima tal-oggetti li gew misruqa . Hija kkonfermat id-dokument GS4 bhala r-rapport in kwistjoni dwar is-serqa li saret mil Mosta ghad-detriment ta' Noel Farrugia.

**Christian Cortis** xehed nhar it-22 ta' Awwissu, 2018 u kkonferma li huwa ghandu r-residenza bl-isem 'Edelweiss', 9, Triq Toni Pace, Mellieha u tinsab fi triq sekondarja fejn hemm diversi terraced houses ohra. Qal li d-dar tieghu kienet tinsab fi stat ta' gebel u saqaf u kien ser jibda jirranga l-interior billi jinstalla d-dawl ,l- ilma u jkomli bil-kisi biex ighalaq il-post.

Spjega li d-dar ghandha erbgha sulari u dak iz-zmien kellha *windproof* ahdar mal-faccata bil-vireg, injam u bricks biex kemm jista' jkun ma jidhlux nies. Jiftakar li nhar il-25 ta' Awwissu, 2018 kien qieghed ix-xoghol u cemplitlu l-mara u staqsietu jekk kienx halla il-bieb tal-garage miftuh u dak il-hin haseb li jew kien missieru li halla l-bieb tal-garage miftuh jew li kienu dahlulu.Cempel il-missieru u dan assigurah li ma kienx resaq 'l hemm u ghalhekk fehem li kienu dahlulu.

Huwa dahal-fil-garaxx u kkonferma li kienu dahlulu u meta mar id- dar u dar dawra innota li kienu hadulu l-wires, u cioe sittax-il roll ta' metru 'l wiehed. Qal li

ma kienux go kaxxa izda imremblin. Qal li kellu hsara fuq il-bibien b'xi daqqiet ta' sieq u bibien sgassati u l-affarijiet ta go fihom konsistenti f'ghodda u affarijiet tal-banju li gew mehuda. Qal li mill-garage ittihidlu tank tal-gass, kaxxa tal-ghodda mimlija ghodda limi u affarijiet hekk , grinder, driller three in one li kien heavy duty, aluminium rail ta' poggaman, twil xi metru u nofs minn fuq net ghax kien qalghu biex jghaddi katusa. Kellu ukoll kaxxa kollha katusi ghaliex kienu ser jghamlu id-dranagg. Kellu xi affarijiet tal-elettriku u accessorji tal-banju ukoll li gew mehuda. Qal li ghandu nefqa ta' xi tlett elef euro ( €3,000) biex jerga jixtri dak li insteraqlu u biex jirrranga l-hsara li ghandu. Huwa pprezenta l-ircevuti li gew markati bhala dok CC1 sa CC9. Qal li dakinhar li qed jghati ix-xhieda teighu huwa kien iktar ezatt dwar dak li insteraqlu milli dak li qal dakinhar tal- investigazzjoni ghaliex ma kienx ghadu iccekja kollox.

Mistoqsi jekk rax ic-CCTV footage jghid li iva rah u ra persuna tielgha u nizla fit triq jiehu l- affarijiet minghandu u ipoggihom fil-vettura pero fil-vettura kien hemm persuna ohra. Jghid li fil-filmat jidher ir- railing tieghu fil-vettura. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li ma jafux u qatt ma tah permess biex jidhol f'daru.

Noel Farrugia xehed u kkonferma li jghix fil-fond 'Sunrsie' Triq l-Qalbin, Mosta u kkonferma li kienu dahlulu fi-garaxx u serqulu bicctejn ghodda *power tools* li kienu fuq in-naha ta' wara tal-garaxx tieghu. Ikkonferma li l-post ghadu taht *construction* u fil-fatt kien qed itella s-sular ta' fuq u ghalhekk kien izomm l-ghodda fil-garaxx. Mistoqsi kemm jiswa l-Istaple gun li insteraqlu jghid li kien habib tieghu li gabulu mill-Italja u kien jiswa xi sitt mitt euro (€600) pero qal li gab quotation ta' kemm jiswa biex jerga jinxtara u gie mgharraf li jiswa sebgha mija u hamsin euro ( €750) u dan skond il-quotation li inghata. Spjega li kien izomm dan l-istaple gun fil-kaxxa taghha stess. Il-kulur tieghu hu orangjo tal-plastic u tad-ditta Spit.

Stqarr li l-prodott l-iehor hu hammer drill u l-kulur tieghu hu iswed bl-ahdar u kien ixtara flimkien mal-bicca ghodda l-ohra u kien jiswa circa mitjen u hamsin euro (€250) u meta gab quotation ta' l–iktar haga simili ghalih gie mgharraf li kellu jonfoq is-somma ta' sitt mitt euro ( €600).

Ikkonferma li kien gabar xi footage minghand il-gar tieghu Marco Agius u ra dan il-footage . Fl-ewwel okkazjoni ra persuna nizla bil-pass minn ma genb id-dar tieghu minn naha ta' fuq, dahlet fil-garaxx u wara li ghaddew xi zewg minuti dak il-hin waqfet karozza quddiem id-dar kulur bajda u l-persuna il-dahlet ghandu harget nizlet ftit 'l isfel bil-pass u marret karozza tat-tip Daihatsu griza u l-pesuna dahlet fiha bhala passigier , il-vettura saqet 'hemm is-sewwieq tela' l fuq qabez il-blokka tieghu, hareg minn passigier u min kien xufier li kienet mara qabzet ghal fuq is-seat tal-passigier u dahal hu u saq, ghamel U turn dahal fis-side street ta' ma genbu, rega hareg bil-pass, rega nizel dahal fil-garaxx u ftit wara hareg b'din l-ghodda tieghu li gja spjega dwarha. L-ewwel darba li hareg mill-garaxx tieghu f'idejh ma kellu xejn. Huwa gharaf lill-appellant bhala l-pesuna li dahlet fir-residenza tieghu.

Spjega li l-bieb tal-garaxx tieghu jinghalaq pero meta saret is-serqa dan il-bieb kien miftuh fuq il-gangetta ghaliex kellu l–haddiema jahdmu hemm pero dawn kienu qed jahdmu fuq u ma raw xejn. Mistoqsi jekk hux cert mill-appellant jghid li gharfu u zid jghid li fic CCTV jintgharaf hiereg f'idu l-leminija bil-kaxxa li semma tal –plastic bl-*orange high lighter* u li kien fiha in-*staple gun* u go l-ohra kellu l-*hammer drill* ahdar. Huwa stqarr li ghadda dan ic- CCTV lis-surgenta tal-pulizija fl-ghassa tal-Mosta.

Rat ir-rapport pprezentat mill-espert nominat mill-Qorti u cioe **David Tabone** nhar l-24 ta' Settembru, 2018 liema rapport hu markat bhala dok DT, u spjega li kien gie ingaggat biex janalizza l-kontenut ta' tlett DVD's li kien fihom filmati, footage ta' karozza partikolari u spjega li hemm numru ta' stills li huma relatati.Illi nhar it-8 ta Novembru, 2018 u ppezenta rapport iehor aggornat b'aktar stills u dan jinsab a fol 173 ta' l-atti

**Karen Cremona** xehdet in rappresentanza ta' Transport Malta u giet mitluba tghaddi informazzjoni dwar il-vettura BCE 637 u kkonfermat li din hi vettura tal-ghamla Daihatsu Boom ta' kulur silver registrata fuq Roderick Zahra u ilha hekk registrata fuq ismu sa mill-24 ta' Marzu 2015 u ghadha registrata fuqu sa dak in-nhar

li xehdet . Hija pprezentat dokument  mahrug mit- Transport Malta relatat ma din l-istess vettura li gie markat bhala dok KC.

**L-ispettur Kylie Borg** xehdet nhar l-4 ta' Ottubru, 2018 u murija is-sentenza markata bhala dok GV1 gharfet lill-appellant odjern bhala l-istess persuna kontra min inghatat is-sentenza dok GV1.

**Marco Agius** xehed nhar is-27 ta' Novembru, 2018 u kkonferma li Noel Farrugia huwa l-gar tieghu u kkonferma li nofs Lulju 2018 Farrugia kien talbu jaghtih il-*footge* tal-camera li ghandu u tahielu fil-15 ta' Lulju, 2018. Kien ghaddhielu l-footage ta hmsitax-il jum  u dan ghaliex kien qallu li kienu dahlulu fil-garaxx li jinsab hdejh. Ikkonferma li kien qed jibni tlett sulari u mill-garaxx il-hin kollu dehlin u hergin  in-nies. Jghid li Farrugia qallu li kienu hadulu *Staple gun* u xi *Jigger*. Spjega li kien gibidha minn fuq is-server tieghu u tah l-USB kollu.

**PC 1303 Mario Camilleri** kkonferma fix-xhieda teighu tas-27 ta Novembru, 2018 li fil-25 ta Lulju 2018 kien ircieva telefonata minghand Chritian Cortis  fejn intalbet l-assistenza tal-pulizija ghaliex kien gie misruq **m**ill-bini tieghu fi Triq Toni Pace. **Mar fuq il-post u gie konfermat li ken post taht kostruzzjoni u skond ma qallu Cortis insterqulu diversi oggetti.  Huma hadu nota tal-affarijiet li kienu insterqulu . Fil-fatt qallu li kien hemm xi gar li kien ra karozza griza ipparkjata quddiem id-dar tieghu  u li x'aktarx kienet il-karozza fejn gew mghobbija l-affarijiet . Qallu ukoll li kien ser itih CCTV footage mill-camera tal-gar. Qal li fil-fatt dan hadlu l-footage l-ghada u meta rah ra din il-vettura griza bir- railing fuq wara u ma setghetx tinghalaq sew.  Ir- railing kien gie rapportat nieqes minn Cortis. Huwa imbaghad ghadda l-informazzjoni li kellu lill-ispettur tieghu.**

Il-Qorti rat li l-appellant **Roderick Zahra**  ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellu kul dritt jghamel pero kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine ta' l-investigazzjoni li tinsab esebita a fol. 36 ta' l-atti . Dan stqarr li ma kienx qed jahdem ghaliex kellu probelma ta' abbuz ta' droga Eroina u Kokaina. Jghid li ilu b'din il-problema sa minn meta kellu tmintax il-sena u meta xehed rrilaxja l-istqarrija kellu 34 sena . Qal li ghandu tlett itfal zewg subien u tifla. Mistoqsi x'relazzjoni ghandu ma Ruth Spiteri

jghid li hija t-tfajla tieghu u omm ibnu. Jghid li hu jghix bir-relief u b'dak li ittih ommu u nantu. Mistoqsi jekk Ruth tahdimx jghid li le ghalkemm gili tmur tahsel. Jghid li huwa ghandu vettura tal- ghamla Daihatsu numru ta' registrazzjoi BCE 637 registrata fuqu. Muri ritratt jgharaf lil Ruth go fiha. Mistoqsi jekk qattx dahal fid-dar indikata fl-akkuza tal-Mellieha jaghzel li ma iwegibx kif kellu kul dritt.Muri ir ritratt bir-railing hierga mill-vettura tieghu u sabeix aghti spejgazjoni tar-ritratt ghal darb ohra jghid li ma iwegibx dwar il-provenjenza ta' din ir- railing. Mistoqsi jispjega ir-ritratt tal- persuna tieghu hierga mill-fond il-Mosta bl-ghodda f'idejh jghazel li ma iwegibx.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant hu akkzuaat bir-reat ta' serq u skond id-difiza din il-Qorti m' ghandhiex issib lill-imputat hati bir-reati addebitati fil-konfront tieghu rigward is-serq mill-fond tal-Mosta u dak tal-Mellieha u dan minkejja li hemm ritratti li juru lill-appellant hiereg minn dawn iz-zewg fondi bl-afffarijiet misruqa f' idejh u fil-karozza tieghu ftit wara li sehhew iz-zewg serqiet. Jinghad li hemm esebit l-atti ritratt mehud mill-filmat li gie moghti lill-pulizija minn Cortis li juri r-railing misruq minghand Cortis kien jinsab fil-karozza tal-appellant fuq wara u in oltre l-appellant stess jgharaf li l-vettura fir-ritratt hija proprjeta tieghu u li anke sahansitra fl-istqarrija li irrilaxja ighid il qed gharaf il-persuna tieghu fil-karozza BCE 637 tal ghamla Daihatsu Boom quddiem id-dar tad-derubati. Jinghad ukoll li hemm ritratti li jindikaw lill-appellant hiereg mill-fond tal-Mosta bl-ghodda u cioe ir- res furtiva f'idejh u dwar dan l-appellant ghazel li jibqa' sieket kif ghandu kul dritt li jghamel.

Illi ikonsegwi li l-appellant huwa mixli b'zewg eventi kriminuzi li allegatament sehhew f'temp ta' ftit granet 'il boghod minn xulxin, bl-ewwel wiehed isehh fl-10 ta' Lulju, 2015 fejn il-malvivent dahal gewwa r-residenza 'Sunrise' Vjal il-Qalbiena Mosta u seraq ghodda konsisteni f'Jigger u Staple gun ta' certu valur, u imbaghad ta' serqa ohra li sehhet nhar il-25 ta' Lulju 2018 minn residenza gewwa Triq Toni Pace, Mellieha minn fejn seraq ghodda, accessorji tal-banju, xi electrical fittigs u railing tal-aluminium , ghal liema reati l-appellant gie misjub hati. Dwar is-serqa tal-

Mellieha l-appellant instab hati ta serq bl-aggravju tal- mezz u tal-valur, u hati tas-serqa tal-Mosta bl-aggravju tal-valur u instab hati ukoll bl-akkuza ta' recidivita.

Illi l-appellant iqanqal xi aggravji marbuta ma' dawn iz-zewg imputazzjonijiet principali ta' serq aggravat li dwarhom instabet htija, u dan meta jsostni illi l-prosekuzzjoni ma pprovatx l-akkuzi bl-ahjar mod stante li kellha ikollha dubbju u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant mir-reati lilu addebitati.

Jirrizulta minn esami tas -CCTV footage esebit fl-atti li l-appellant jidher hiereg miz-zewg residenzi bl-oggetti li gew misruqa ghad-detriment tas-sidien ta' dawn l-istess zewg residenzi u cioe ta' Christian Cortis u Noel Farrugia u dan fiz-zmien indikat fil-komparixxi u konfermat fil-*footage* . Jidher minn esami tal-footage li l-appellant hareg minn dawn iz-zewg fondi bir-res furtiva f' idejh u fir rigward tal-poggaman li insteraq mid-dar tal-Mellieha dan jidher li gie mghobbi fil-karozza tal-appellant tal-ghamla Daihatsu numru ta' registrazzjoni BCE 637 kif indikat fl-istills esebiti minn David Tabone.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dan l-istadju ghandha taghmel apprezzament ta' dritt u cioe taghti tifsira tal-kuncett ta' serq, u cioe tar-reat kontra l-propjeta ta' terzi per eccellanza jew ahjar kif jghid il-Manzini -

"*l'oggetto generico della tutela penale(b'referenza ghal dan ir-reat) e' l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilita del patrimonio*."

Jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk n-nozzjoni tas-serq tista prima facie tidher facli u ta' intelligenza volgari, mandankollu r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara**[1] - vide is-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Tanti</u>**[2].

[1] fil-Programma Speciale vol IV para 2017
[2] Deciz mill-Qorti tal Appeli Kriminali nhar id-9 ta Dicembru, 1944 - Vol XXXII(e) IV/814

Il-**Carrara** jghid:

"*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro*."

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

1. il-contractatio tal-haga,

2. li tappartjeni lil terzi,

3. maghmula b'mod frawdolenti,

4. minghajr l-kunsens tad-sid, u

5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun *saret invito domino u luci faciendi gratia.*

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid **Manzini** *'presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente'*. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni.

Fil-fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza **Il-Pulizija v S.Pisani** [3]- il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista jkun prezunt, u allura l-*buona fede* ta' l-awtur tal-*contracetatio* teskludi r-reat. Bil-kelma *lucro* wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid :

"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."

Fissati dawn l-kriterji jista wiehed jghaddi b'certu grad ta' sikurezza biex jesamina l-kaz ta' kull imputat fid-dawl tas-suespost.

**Carrara** jkompli jghid li :-

"*il dato specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uzo della cosa altrui*[4]"

Infatti f'dan ir-rigward il-**Crivellari** jipprovdi li:-

"*l'elemento intenzionale del furto non si costruisce gia col solo animo di prendere, ma coll'animo di lucrare*[5]"

Jista jinghad wkoll li l-element intenzjonali specifiku tar-reat ta' serq minbarra d-dolo generiku tal-*conscientia sceleris* huwa l-*lucri causa ossia animus furandi* ossia l-inenzjoni frawdulenti fil-mument tat-tehid ta l-oggett u dan sabeix b'mod permanenti jippriva lis-sid mill-godiment tal-proprjeta tieghu u hemm bzonn li tali tehid ikun sar *invito domino u luci faciendi gratia.*

Il-**Professur Sir Anthony Mamo** jispjega hekk:

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Frar, 1942
[4] Progr. Pt. Speciale vol IV para 2035
[5]Opera Codice Penale Vol VIII pg 19 Comm. art. 40-405

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

Il-**Professur Mamo** izid jelabora *"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) ... the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases"*.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellanti m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe beyond reasonable doubt.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Michele Borg et[6]' fejn intqal:

"*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico;* '*the accused is presumed innocent until proved guilty*.' "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghanda ghalhekk tipprova kull element tar-reati partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Din il-Qorti ghalkemm mhix f'pozizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'pozizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936

semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.

Fil-kaz Ir-**Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit** [7], il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

*"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et** [8] il-Qorti tenniet illi:

*Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.*

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-imputat stante' illi il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti** [9]moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

---

[7] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 2016.
[8] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Gunju 2010.
[9] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2013.

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios**[10] moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Kyle Stone**[11]:

*"Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "& works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

Illi f'dan l-istadju wkoll issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[12] fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija*

[10] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2013.
[11] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Settembru, 2013.
[12] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' Lulju,2002.

*in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** [13] deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-decizjoni fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada**[14] gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B**[15], **Richard May**[16] dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qalu is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere*

[13] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' April, 2001.
[14] Deciza mill- mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta Mejju, 2009
[15] Criminal Evidence (3rd Edition) 1995.
[16] Sweet and Maxwell Criminal Practice

*suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-Qorti tirrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha biss fuq il-footage li gie esebit in konnessjoni maz-zewg serqiet fejn jidher bic-car li l-appellant dahal f'zewg fondi kif deskritti fiz-zewg okkorrenzi esebiti u hareg bi proprjeta mobbli li tappartjeni lis-sidien tad-djar li dahal fihom. Illi jigi rilevat illi l-appellant gie identifikat fil-filmat kemm bil-persuna tieghu kif ukoll mill-vettura li skond Karen Cremona u skond dak li qal hu stess fl-istqarija rilaxxjata minnu l-vettura Daihatsu Boom tal- kulur griz numru ta registrazzjoni BCE 673 hija proprjeta tieghu.

Illi, kif gie ritenut fil-kawza **Il-Pulizija vs Borg et** [17] il-Qorti qalet hekk:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova*".

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti ghandha tezamina dak li jirrizulta mill-provi.

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta Gunju 1998

Fir-rigward ta l-ewwel akkuza u cioe dik ta' serq aggravat bil-mezz u valur jirrizulta is-segwenti. Sid id-dar derubata u cioe Christian Cortis xehed u kkonferma li il-faccata tad-dar tieghu fi Triq Toni Pace Mellieha kienet kollha scrinjata billi kienet koperta bil-waterproof ahdar u kien hemm il-vireg, injam u bricks sabiex hadd ma jidhol fil-fond. Qal li nhar il-25 ta' Lulju, 2018 mar id-dar u sab li kien hemm ticrita fuq l-iscreening fuq quddiem fuq in-naha tal-bbeb ta' l-elevated ground floor u b'hekk dak li jkun ottjena d-dhul fil-post . Cortis spjega dak li ittihidlu dakinhar minn fuq il-post u fost l-affarijiet li insterqulu kien hemm railing partikolari li kien qala mis-sular ta' fuq biex ghadda xi katusi. Irrizulta li din l-istess *railing* giet mghobija u mehuda 'l hemm fil-vettura tal-appellant kif jirrizulta mil-filmat esebit. Jidher car li kien l-appellant li kien qed isuq il-vettura u li l-istess appellant jidher fil-filmat diehel u hiereg mid-dar johrog l-affarijiet u jghabbilhom fil-vettura tieghu u dan *ad insaputa* u minghajr il-kunsens tas-sid. Jidher car li ghalhekk l-akkuza ta' serq tirrizulta provata b'mod sodisfacentement. Jibqa' pero li jigi trattat jekk l-aggravju tal-mezz u valur jirrizultawx.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Cortis li fil-fatt kien hemm ticrita tal-iscreening li kien hemm quddiem id-dar tieghu sabiex b'hekk l-appellant ottjena id-dhul facilment. B'hekk din it- ticrita tekwavali ghal aggravju tal-mezz. Dwar l-aggravju tal-valur jirrizulta li skond ix-xhieda ta' Cortis l-valur tal-oggetti li insterqulu jammonta ghas-somma ta' tlett elef ueor ( €3,000).

F'dan il-kaz il-Qorti ma taqbilx li din hija kwistjoni fejn ghandha tigi aplikata it-teorija tar-*recent possession* u dan ghaliex mill-filmati esebiti jirrizulta li kien l-appellant stess li kien diehel u hiereg mill-fond jigbor l-affarijiet u ipoggihom fil-vettura u ghalhekk huwa responsabbli ghall-*amotio* taghhom.

Dar it-tieni akkuza u cioe is-serqa mill-fond fi Triq il Qalbiena, Mosta hawnhekk ukoll jirrizulta li fil-vicinanzi kien hemm CCTV camera u minn esami tal-filmati esebiti fl-atti jirrizulta li fl-10 ta' Lulju, 2018 l-appellant kien ipparkja il-vettura tieghu Daihatsu quddiem id-dar ta' Noel Farrugia u jidher persuna diehla u hierga mill-garaxx libsa flok iswed u *three quarters shorts* ahmar u dan kien qed igorr xi

affarijiet mobbli proprjeta ta' Noel Farrugia u ipoggihom fi-vettura teighu. Jidher li kien ha xi affarijiet u fil-filmat din il-persuna tidher qed izomm dawn l-oggetti f'idha u tpoggihom fil-vettura taghha tal-ghamla Daihatsu Boom numru ta' registrazzjoni BCE 637.

Dwar l-aggravju tal-mezz jirrizulta li l-appellant dahal fil-fond x'aktarx mill-bieb li kien miftuh fuq il-gangetta ghaliex dak il-hin kien hemm il-haddiema jahdmu fis-sular ta' fuq u minn gewwa ha zewg bicciet ta' ghodda u cioe Staple gun u Jigger li l-valur taghhom jeccedi l-mitt euro ( €100) u dan ghaliex Noel Farrugia jghid li kien xtrahom ghall-prezz ta' tmien mija u hamsin euro (€850) u fil-fehma tal-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' dan il-valur moghti minnu li ma giex kontestat jew imcahhad, l-aggravju tal-valur jirrizulta provat. Ghalhekk dak li stqarr l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu fir-rigward ta' din l-akkuza m' ghandux mis-sewwa.

Fir-rigward tal-akkuza ta' recidiva jirrizulta li l-prosekuzzjoni esebiet sentenza li inghatat fil-konfront tal-appellant , liema sentenza iggib l-isem **<u>il-pulizija vs Roderick Zahra</u>** fejn l-ufficcjal prosekutur kienet l-ispettur Kylie Borg . F'din is-sentenza jirrizulta li l-perunsa akkuzata li skond l-ispettur Kylie Borg hija l-appellanti odjerna, l-appellant kien instab hati tar-reati ta'serq u gie misjub hati nhar il-21 ta' Marzu, 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u gie kkundnnat sentejn prigunerija sospizi ghall-perijodu ta' erba snin mill–illum. Illi ghalhekk ir-reat ta' recidivita ai termini tal-artikolu 49 u 289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tirrizulta ukolll provata.

Dwar il-piena l-appellant jistqarr li l-piena inflitta hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi stante li l-appellant ghaddej programm ta' riabilitazzjoni. Illi jinghad fl-ewwel lok li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-appellant qed isegwi xi kors biex jindirizza il-problema tieghu ta' abbuz ta' droga kif ammess minnu fl-istatement. Jirrizulta pero li l-piena inflitta tinsab fil-parametri tal-ligi piuttost lejn il-minnimu taghha. Jirrizulta li l-antecedenti tal-appellant huwa kkulurit stante li ghandu divesi reati registrati fuqha fejn inghata diversi probations fuq reati ta' serq u anke

sentenza ta' prigunerija sospiza pero cio nonnotante ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u baqa' sejjer f'din it-triq ta' kriminalita, tant li illum qed tigi konfermata sentenza ta' tlett snin prigunerija fuq akkuzi ta' serq aggravat.

Din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni sabiex tiggustifika 'l ghala hija ghandha tordna riduzzjoni fil-piena.

Galhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur